MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 202/1998/1

Citazzjoni numru 202/1998

Paul u Giorgina konjugi Pisani

-vs-

Emanuel u Bernardette Custo

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni tal-atturi fejn ppremettew:

Illi l-konvenuti kienu mexxew subbasta numru 23/98 fl-ismijiet "Emanuel u Bernardette Custo vs Paul Pisani" ghall-bejgh tal-fond numru 12, Triq il-Forn, Marsalforn u dan wara li ppremettew li huma krendituri ta' l-atturi fl-ammont ta' sittax-il elf sitt mija sebgha u sittin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm16,667.88).

U illi wara rikors ta’ l-atturi din is-subbasta ghall-bejgh tal-fuq imsemmi fond giet sospiza u dan billi l-atturi allegaw li l-ammont minnhom dovut huwa ferm inqas minn dak li jirriuzlta mill-kuntratt u kienu ghamlu citazzjoni biex jigi likwidat l-ammont verament dovut mill-atturi lill-konvenut;

Illi din ic-citazzjoni ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi b’digriet tal-4 ta’ Settembru 1998 din il-Qorti ma tistax tordna l-prosegwiment ta’ subbasta meta l-ammont ma huwiex cert u gudizzjarjament accertat, liema accertament ma javverax ruhu hlief bid-decizjoni tal-kawza intavolata mill-atturi u ghal-liema hawn fuq saret referenza.

Illi l-fond in subbasta jappartjeni lill-kommunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-atturi u ghalhekk anke l-atti in kwistjoni huma difettuzi billi Georgina Pisani, l-attrici ma gietx azzjonata f’dawk l-atti.

Talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara in vista tal-fatti u cirkostanzi fuq premessi d-digriet ta’ l-4 ta’ Settembru 1998 fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet “Emmanuel Custo et vs Paul Pisani” nulli u bla effett.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament, kif ukoll il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi l-bazi li fuqha qed jistriehu l-atturi biex jattakkaw id-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti ta’ l-erbgha (4) ta’ Settembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet “Emanuel Custo et versus Paul Pisani et” hija infondata peress illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat l-ammont pretiz huwa cert, gudizzjarjament accertat, ghaliex jirrizulta minn att pubbliku li ghalih kien parti l-istess attur Paul Pisani u li

minkejja l-proceduri minnu intavolati sal-lum ghadu ma gabx prova prima facie li dan l–ammont m'huwiex cert, ossia korrett, likwidu u dovut;

2. illi l-istess jinghad ghal-lanjanza rigward il-parti ta' Georgina sive Ina Pisani f'dawn il-procedimenti stante li fis-sena 1993 data li fiha sar il-kuntratt tal-kostituzzjoni tad-debitu u l-garanzija ipotekarja kif kien fil-poter u l-mansjoni ta' Paul Pisani, zewgha, bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti illi jidhol f'kuntratti simili u jorbot lill-istess Georgina sive Ina Pisani bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, kif ukoll dawk tac-citazzjoni numru 157/1998 fl-istess ismijiet.

Ikkunsidrat:

Illi bis-sentenza tal-lum stess fil-kawza citazzjoni numru 157/1998 bejn l-istess partijiet l-azzjoni esperita m'ghandhiex aktar sinifikat stante li l-ammont ta' tnax-il elf u tmien mitt lira Maltin (Lm12,800) li l-atturi kienu ordnati jhalsu lill-konvenuti bid-digriet tal-4 ta' Settembru 1998 u liema hlas l-atturi eventwalment effettwa fl-14 ta' Mejju 1990 gie ikkunsidrat minn din il-Qorti fid-determinazzjoni ta' l-ammont realment dovut mill-atturi lill-konvenuti.

Mill-prospett formanti parti integrali tas-sentenza fic-citazzjoni numru 157/1998 fuq citat pero' jirrizulta li l-ammont li l-atturi kellhom jaghtu lill-konvenuti sal-prezenata ta' dik il-kawza kien jissupera l-ammont ta' tnax-il elef u tmien mitt lira Maltin (Lm12,800) fuq riferit.

Ghalhekk qeghdha tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------